

32001D0150

L 55/68

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.2.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**ta' l-10 ta' Novembru 2000****fuq il- publikazzjoni ta' ċerti atti u strumenti legali tal-Bank Ċentrali Ewropew****(BĊE/2000/12)****(2001/150/KE)**

IL-KUNSILL REGULATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidraw l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Bankijiet Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ l-"Istatut") u partikolarment l-Artikoli 10.4, 34.1 u 34.2 ta' dan,

Wara li ġie kkonsultat il-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE),

Billi:

- (1) Il-BĊE jagħti importanza kbira lill-tisħieħ tat-trasparenza tal-kwadru regolatorju tas-Sistema Ewropea tal-Bankijiet Ċentrali (SEBĊ). In konformità ma' dan l-approċċ, atti legali adottati mill-BĊE għandhom ikunu disponibbli lill-pubbliku in ġenerali għall-għarfien pubbliku anki fl-assenza ta' obligazzjoni għal dan skond it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea jew l-Istatut.
- (2) It-trasparenza tista' tiġi ottenuta permezz tal-pubblikazzjoni ta' l-atti u strumenti tal-BĊE fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Linji gwida BĊE/1998/NP10 tat-3 ta' Novembru 1998 fuq l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 52 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea Tal-Bankijiet Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (L-

Anness I ta' dina d-Deċiżjoni), Linji gwida BĊE/1999/NP11 tat-22 t'April 1999 fuq l-awtorizzazzjoni biex jiġi mistħarreġ flus tal-karta nazzjonali waqt il-perijodu transnazzjonali (L-Anness II ta' dina d-Deċiżjoni) u Linji gwida BĊE/1998/NP28 tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar ir-regoli komuni u r-rekwiżiti minimi għall-protezzjoni tal-kunfidenzialità ta' l-informazzjoni statistika individwali miġbura mill-Bank Ċentrali Ewropew bl-assistenza tal-bankijiet Ċentrali nazzjonali (L-Anness III ta' dina d-Deċiżjoni); Deċiżjoni BĊE/1998/NP1 tad-19 ta' Ġunju 1998 fuq il-ħatra u fuq it-tul tal-mandat ta' l-awditur estern tal-Bank Ċentrali Ewropew (L-Anness IV ta' dina d-Deċiżjoni); Deċiżjoni BĊE/1998/NP15 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 dwar l-esekuzzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew ta' ċerta funzjonijiet rigwardanti assistenza finanzjarja għall-żmien temporanju għall-bilanċ ta' pagamenti ta' l-Istati Membri (L-Anness V ta' din id-Deċiżjoni) u r-Rakomandazzjoni BĊE/1999/NP7 tat-8 ta' April 1999 fuq it-trattament tal-kontijiet ta' spejjeż li ntefqu in konnessjoni ma' l-istħarriġ tal-flus tal-karta (L-Anness VI ta' din d-Deċiżjoni) huma hawnhekk ippubblikati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi- Frankfurt am Main, fl-10 ta' Novembru 2000.

Il-President tal-BĊE

Willem F. DUISENBERG